VALLETTA
*Città Umilissima*

# KUNSILL LOKALI
# L-BELT VALLETTA

# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# 2018

**Introduzzjoni**

Għaddiet sena oħra ta' ħidma, fejn il-ħidma tagħna ma waqfet xejn, u minkejja in-nuqqas ta' fondi, il-Kunsill għadu u se jkompli miexi l-quddiem bi proġetti ta' tisbieħ u ambjentali kif ukoll programmi edukattivi w kulturali.

Il-ġidma tagħna se tibqa tiffoka fuq diversi oqsma sabiex nilħqu lil kulħadd u ntejbu l-ħajja tal-Belt Valletta. Nieħdu gost bis-suġġerimenti w l-ilmenti tar-residenti tagħna għaliex jgħinuna naħdmu fejn hemm l-aktar bzonn.

**Attendenza**

Min Jannar 2018 sa Diċembru 2018:

| **Isem** | **Attenda** | **Skuzat** | **Assenti** |
|---|---|---|---|
| Alexei Dingli | 12 | 0 | 0 |
| Norman Shaw | 7 | 5 | 0 |
| Christian Micallef | 11 | 1 | 0 |
| Vincent Fabri | 12 | 0 | 0 |
| Vincent Farrugia | 12 | 0 | 0 |
| Raymond Azzopardi | 9 | 1 | 2 |
| Mario Camenzuli | 7 | 5 | 0 |

**Proġetti Infrastrutturali**

Iffirmat il-ftehim mal- Planning Authority għall-fondi tal-bankini. Jinħarġu is-sejħiet tal-offerti.

Il-Kunsill irċeva konferma dwar il-*playing field* ta' Sant Iermu. Il-Kunsill qabel li jinbeda ix-xogħol.

L-applilazzjoni għal *Playground* tal-War Museum ġiet aċċettata mil-Planning Authority u qed jinġabru il-*quotes*.

Il-Kunsill irċieva dokumenti mingħand il-Housing biex isiru xogħolijiet għal komun fi 3 blokok tal-housing.

Wara li sar *railing* ta' Triq San Patrizju, sar ieħor ta' fejn House of Catalunya.

Intbgħatu tlitt applikazzjonijiet lil Planning Developement Fund:

1. Għar-restawr tal-orgni tal-Knisja ta'San Duminku.
2. Għal l-installazjoni ta' dawl u ilma ġdid u toilets ġewwa il-Ġnien ta Hastings.
3. Għar-restawr tal-maħzen ta' San Pawl, wara li kellom joħorgu mil-post ta' Sant Ursula biex isir il-proġett Teen Klabb.

Saret laqgħa mal-Planning Authority rigward proġett fuq tibdil ta' aperturi.

Il-bankina ta' mad-dawra tal-finanzi saret mil-ġaddiema tal-Kunsill u saret qabek ma sari l-*budget*, kif xtaqu l-Ministeru tal-Finanzi.

Saret *press conference* dwar il-fondi li ġew approvati mil-Planning & Development Funds għad-dar ta' Santu Rokku.

**Indafa fil-Belt tagħna**

Wara laqgħa mas-Direttur Ġenerali tal-Public Cleansing dwar iltter act, is-Sindku Prof Alexei Dingli ressaq proposti tal-Kunsill, fosthom sistema tal-vetturi. F'April il-Green MT ikkomunikaw li riedu iwaqqfu is-servizz, pero dan is servizz kellu jibqa għaddej sakemm jintlahaq ftehim mal-gvern. Fil-31 ta' Ottubru 2018 inbeda servizz ġdid tal-iskart organiku. Kien ovvju li sakem tindara din il-proċedura ġdida, kien ser ikun hemm naqa problem. Il-Gvern assigura li ser jagħti *warnings* matul ix-xahar ta' Novembru u Diċembru. F'Deċembru l-ERA talbu biex jingħataw postijiet fejn għandu jsir l-infurzar u l-Kunsill qabel li għandu jsir l-infurzar ġewwa Triq ir-Republika, Zona tad-Due Balli, l-Mandraġġ, l-Arċiperku u l-Kamrata.

Ġew imnaddfa il-culverts kollha.

**Edukazzjoni**

Ingħataw €4000 lil TCTC biex sar *computer lab* fejn qed isir taħrig mingħand TCTC stess, għal-nies ta' kull eta'. Il-Kunsill qed ikollu rispons tajjeb ħafna dwar il-*courses* tal-*computer*.

Sar taħriġ għal l-impjegati tal-*front office* sabiex jitjieb l-istandard. Dan il-*course* sar min TCTC.

**Safar**

Saret ġita ġewwa Catania fil-21 ta' Ġunju 2018 u mar kollox sew.

Il-Kunsill ingħata €25,000 għal proġett ta' l- Erasmus ma' Scala. Dan kien progett għaż-żgħazagħ li seħħ bejn Awwissu u Settembru. Grupp ta' żgħażagħ mil-Belt zar Scala bejn it-30 ta' Awwissu 2018 u s-6 ta' Settembru 2018 filwaqt li l-grupp Taljan żar Malta bejn it-13 ta' Settembru 2018 u l-20 ta' Settembru 2018.

Is-Sindku Prof Alexei Dingli mar laqgħa ġewwa Palermo fuq il-proġett i-access.

***Tenders***

Il-Kunsill qabel li jinħarġu *tenders* fuq:

- *Parking sensor* (dawn ser ikunu qed jitħalsu min fondi tal-EU)
- Bankini

***Bye Laws***

Il-Kunsill ippreżenta 3 bye-laws li ppublika fuq il-gazzetta tal-Gvern.

1. Reklami fuq għamara tat-toroq
2. Ix-xatt u l-iskall ta' Marsamxett
3. Bejgħ permezz ta' busking

It-Tlett bye-laws ġew approvati.

**Attivitajiet**

Isiru attivitajiet fejn il-Kunsill ikollu ħinijiet estiżi sa fil-għaxija biex ir-residenti jkollhom ċans jaraw l-uffiċini il-ġodda. Uħud mil-attivitajiet li jsiru huma kulturali, soċjali, kif ukoll sportivi. Saħansitra il-Kunsill qiegħed jorganizza riċeviment għal kull festa li ssir fil-Belt, bl-ewwel riċeviment jkun għal festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Kull xahar tkun organizzata 'Poeżija Plus' fil-bini ta' Kunsill Lokali. Din hija attività kulturali u li għalija ma jattendunx biss nies mill-Belt Valletta.

**Amministrazzjoni**

Sindku jgħati Performance bonus lil uħud mill-impjegati.

Saret sejħa fil-kunsill għal l-ingaġġ ta' impjegati nieqsa. Ġew impjegati żewġ persuni f'Settembru, fil-pożizzjoni ta' *Clerks*. Peruna oħra ġiet impjegata f'Diċembru u għanda l-irwol ta' EU Assistant. Dawn it-tlitt impjegati qiegħdin jaħdmu fuq bażi *full-time.*

**Affarijiet Oħra**

Il-Kunsill irċeva konferma għal-Fondi Ewropej taħt il-program Erasmus Plus. Il-Kunsill qabel li jinbdew il-preparamenti.

Is-Sindku Prof Alexei Dingli informa lil Transport Malta dwar talba mir-residenti biex jiżdiedu perkeġġi ħodor.

Il-Kunsill rebaħ proġett parti mil-Interreg i-Access. Dan huwa proġett ta' *accessibility audit.* Qiegħdin isiru laqgħat kemm Malta, kif ukoll Palermo. Saret sejħa parti min dan il-proġett għal-Awditur kif ukoll EU Assistant. Dawn huma fondi tal-proġett innifsu.

L-ISO *certification* gie *assessed* 27/01/18. Il-Proċess ġie konkluż u saret *press conference* aktar il-quddiem.

Il-Kunsillier Vince Fabri saqsa dwar pavimentar. Wara li San Mark lesta u bdew Triq il-Punent kif ukoll Santa Lucija. Triq Santa Luċija tħalliet nofs xogħol, bir- residenti jilmentaw.

Jigi lura għan-normal is-servizz tal-karozza tal-Linja 133 u jidher li m'hemmx *issues* mir-residenti.

Sar *update* tas-*suppliers list* wara li sar eżerċizzju ma' kull *supplier* li għandu il-Kunsill.

Wara laqgħa li kellu is-Sindku Prof Aleei Dingli ma ALF Mizzi foundation, sar qbil li se jagħtu sponsor għal 3 snin biex jitħallas *community worker* li ser ikun qed jgħin fil-Kunsill fix-xogħol komunitarju. Inħarġet is-sejħa għal *community worker* (din saret kongunta ma' ALF Mizzi foundation).

Il-Kunsill irċieva korrespondenza mingħads l-Assocjazjoni tal-Kunsilli Lokali dwar servizz ġdid ta' ħlas ta' kontijiet tad-dawl u tal-ilma

Inbeda servizz bil-karozzi għar-residenti tal-Belt fejn anzjani li jkollhom xi appuntament xi sptar jew klinika, ikunu jistaw jitwasslu mix-xufiera tal-Kunsill. Il-Karozzi ingħataw b'kuntratt min Continental Cars. Dan is-servizz qabad tajjeb mar-residenti, specjalment dawk li jinsabu waħedhom u mingħir għinuna.

Fit-28 ta' Marzu 2018, il-Kunsill Lokali organizza 'Jum il-Belt Valletta' fejn stieden lill-għaqdiet kollha fil-lokalità sabiex jattendu għal programm ta' ċelebrazzjonijiet fejn ingħataw numru ta' rikonoxximenti, fosthom il-premju 'Ġieħ il-Belt' lill-mużiċist, George Curmi 'il-Puse'.

Il premju Gieħ il-Belt ingħata lil George Curmi l-Puse'.

**Konkluzjoni**

Naħseb li għal darb'oħra, il-Kunsill Lokali wettaq ħidma siewja li għenet sabiex ilkoll ngħixu f'ambjent isbah u lkoll ingawdu min kwalità ta' ħajja aħjar. Kif rajna, l-ħidma tal-Kunsill infirxet aktar minn sempliċi xogħlijiet infrastrutturali, iżda wkoll inkludiet attivitajiet li jgħinu sabiex tkompli tissaħħaħ il-komunità tagħna li kull ma tmur qed tikber u tilqa' fi ħdanha resident ġodda li jagħzlu li jgħixu fil-Belt sabiħa tagħna.

Jingħata ringrazzjament lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha li volontarjament offrew is-servizz tagħhom f'kull aspett sabiex seta' jsir dan ix-xogħol fil-lokalità. Filwaqt li ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lis-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema okllha tal-Kunsill li jagħmlu l-għalmu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jwettqu l-*policies* tal-Kunsill.